II

(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

KUMMISSJONI

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-27 ta' Jannar 2009

dwar l-approvazzjoni tal-kontijiet tal-aġenziji tal-ħlas tal-Estonja dwar l-infiq fil-qasam tal-miżuri tal-iżvilupp rurali ffinanzjat mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (l-FAEG) għas-sena finanzjarja 2007

(notifikata taħt id-dokument numru C(2009) 150)

(It-test bl-Estonjan biss huwa awtentiku)

(2009/85/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni [titlu mhux uffiċjali] [1], u b'mod partikolari l-Artikoli 30 u 39 tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Kumitat għall-Fondi Agrikoli,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/395/KE [2] approvat il-kontijiet tal-aġenziji kollha tal-ħlas għas-sena finanzjarja 2007, ħlief dawk tal-aġenzija tal-ħlas tal-Estonja msejħa "PRIA" u tal-aġenzija tal-ħlas Maltija msejħa "MRAE".

(2) Wara t-trasmissjoni ta' tagħrif ġdid u wara li saru aktar verifiki, il-Kummissjoni issa tista' tiddeċiedi, f'dak li għandu x'jaqsam mal-infiq fil-qasam tal-miżuri tal-iżvilupp rurali, dwar l-integrità, l-eżattezza u l-veraċità tal-kontijiet imressqin mill-aġenzija tal-ħlas Estonjana msejħa "PRIA".

(3) Skont l-Artikolu 30(2) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005, din id-Deċiżjoni ma tippreġudikax deċiżjonijiet meħudin sussegwentement mill-Kummissjoni li jeskludu mill-finanzjament tal-Komunità nfiq mhux imwettaq skont ir-regoli Komunitarji,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-kontijiet tal-aġenzija tal-ħlas tal-Estonja "PRIA" dwar l-infiq fil-qasam tal-miżuri tal-iżvilupp rurali ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (l-FAEG) għas-sena finanzjarja 2007, b'dan qed jiġu approvati.

L-ammonti li jistgħu jiġu rkuprati minn, jew li għandhom jitħallsu lill-Istat Membru skont din id-Deċiżjoni fil-qasam tal-miżuri tal-iżvilupp rurali li japplikaw fl-Estonja huma stipulati fl-Annessi I u II.

[1] ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1.
[2] ĠU L 139, 29.5.2008, p. 25.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Estonja.

Magħmula fi Brussell, 27 ta' Jannar 2009.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

L-APPROVAZZJONI TAL-KONTIJIET TAL-AĠENZIJI TAL-ĦLAS

IS-SENA FINANZJARJA 2007 - IN-NEFQA TAL-FAEG GĦALL-IŻVILUPP RURALI FL-ISTATI MEMBRI L-ĠODDA

AMMONT LI GĦANDU JIĠI RKUPRAT MILL- JEW IMĦALLAS LILL-ISTAT MEMBRU

SM		L-infiq tal-2007 tal-Aġenziji tal-Ħlas li għalihom il-kontijiet		It-total ta' a + b	It-tnaqqis	It-total	Il-ħlasijiet interim rimburżati lill-Istat Membru għas-sena finanzjarja	L-ammont li għandu jiġi rkuprat mill- (–) jew imħallas lill- (+) Istat Membru ([1])
		ġew approvati	ma ġewx approvati					
		= infiq iddikjarat fid-dikjarazzjoni annwali	= it-total tal-ħlasijiet interim rimburżati lill-Istat Membru għas-sena finanzjarja					
		a	b	c = a + b	d	e = c + d	f	g = e – f
EE	EUR	40 720 193,48	0,00	40 720 193,48	0,00	40 720 193,48	36 236 291,00	4 483 902,48

([1]) Billi l-ħlasijiet laħqu 95 % tal-pjan finanzjarju, il-bilanċ għall-EE se jitħallas matul l-għeluq tal-programm.

ANNESS II

L-INFIQ APPROVAT FL-ISTATI MEMBRI L-ĠODDA GĦALL-EŻERĊIZZJU TAS-SENA 2007 SKONT IL-MIŻURA TAL-IŻVILUPP RURALI TAL-FAEG

ID-DIFFERENZI BEJN IL-KONTIJIET ANNWALI U D-DIKJARAZZJONIJIET TA' NFIQ

SM	Nru	Mizuri	In-nefqa tal-2007 Il-kolonna "a" tal-Anness I	It-tnaqqis Il-kolonna "d" tal-Anness I	L-ammont approvat għall-2007 Il-kolonna "e" tal-Anness I
EE	Nru	Miżuri	i	ii	iii = i + ii
	1	L-appoġġ għal investimenti fil-ġestjoni tal-iskart tal-annimali	6 551 632,40	0,00	6 551 632,40
	2	L-inkoraġġiment tat-titjib u tal-iżvilupp	20 321 752,46	0,00	20 321 752,46
	3	L-inkoraġġiment biex jitwaqqfu gruppi tal-produtturi	101 134,83	0,00	101 134,83
	4	Il-promozzjoni tat-taħrig vokazzjonali għall-bdiewa	2 566 539,21	0,00	2 566 539,21
	5	Servizz tekniku u ta' konsulenza għall-bdiewa	6 225 307,60	0,00	6 225 307,60
	6	L-irtirar kmieni	4 021 137,22	0,00	4 021 137,22
	7	L-appoġġ għall-bdiewa ż-żgħar biex iwaqqfu razzett għall-ewwel darba	932 689,76	0,00	932 689,76
	8	L-iltiħuq tal-istandards tal-UE	0,00	0,00	0,00
	9	L-adozzjoni ta' miżuri agrikoli favur l-ambjent	0,00	0,00	0,00
	10	Azzjonijiet agrikoli favur l-ambjent għall-ħarsien tal-valur naturali	0,00	0,00	0,00
	11	L-afforestazzjoni	0,00	0,00	0,00
	12	It-titjib fl-infrastruttura għall-iżvilupp tal-bhejjem	0,00	0,00	0,00
	13	Iż-żoni aktar żvantaġġati	0,00	0,00	0,00
	14	L-appoġġ għall-iskemi tal-kwalità	0,00	0,00	0,00
	15	L-appoġġ għall-ipproċessar tradizzjonali fuq skala żgħira	0,00	0,00	0,00
	16	Il-ħarsien tal-pajsaġġi agrikoli u tradizzjonali	0,00	0,00	0,00
	17	Il-ħarsien min-nirien tal-foresti u minn diżastri naturali oħrajn	0,00	0,00	0,00
	18	L-afforestazzjoni ta' art li mhix agrikola	0,00	0,00	0,00
	19	It-titjib fil-proċess tal-ħsad	0,00	0,00	0,00
	20	L-appoġġ tekniku għall-implimentazzjoni u l-monitoraġġ	0,00	0,00	0,00
	21	L-appoġġ tekniku għal inizjattivi kollettivi fil-livell lokali	0,00	0,00	0,00
		It-total	40 720 193,48	0,00	40 720 193,48